MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2013

Numru 529/2010

Il-Pulizija
(Spettur Spiridione Zammit)
vs
Herman Mizzi u John Mizzi

Il-Qorti,
Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputati ta’ karta ta’ identita’ 343978m u 246090m rispettivament alluzati talli f’dawn il-Gzejjer fil-perjodu mill-1 ta’ Marzu 2010 sas-26 ta’ Mejju 2010 b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqdew b’qerq iehor, ingann, jew billi wrew haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaninarji, ghamlu qligh ta’: 557 euros f’apparat tal-HI FI ghad-dannu ta’ Eman Rodo minn Hal Tarxien proprjetarju ta’ B&S Customs Tarxien; 213.51 euros f’xiri ta’ oggetti tal-ikel

ghad-dannu ta’ Antoine Baldacchino minn Rahal Gdid proprjetarju tal-Carters Supermarket, Triq Hal-Luqa, Rahal il-Gdid; 150 euros ghad-dannu ta’ David Mifsud minn Zejtun proprjetarju ta’ JCC Petrol Station, Bir-id-Deheb, Zejtun; 1000 euro ghad-dannu ta’ Michael Azzopardi minn Marsaxlokk proprjetarju ta’ Santa Rita Petrol Station f’Tal-Barrani, Tarxien;

2. fl-istess perjodu bi hsara ta’ haddiehor ghamlu qligh iehor ghad-dannu tal-imsemmija Eman Rodo minn Hal-Tarxien, Antoine Baldacchino minn Rahal Gdid, David Mifsud minn Zejtun u Michael Azzopardi minn Marsaxlokk;

3. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f’dawn il-Gzejjer xjentement xtraw jew laqghaw ghandhom hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan sar Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod iehor li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

4. naqsu milli jharsu l-kondizzjonijiet impost fuqhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr.J.Apap Bologna LL.D fid-digriet tieghu nhar it-18 ta’ Mejju 2010 li bih ta il-helsien mill-arrest taht garanzija lill-Herman Mizzi u John Mizzi;

Kontra Herman Mizzi wahdu:

5. fl-istess perjodu b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda b’mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprisi foloz jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor jew ta’ krediti immaginarji, ghamel qligh ta’: 350 euro f’generator ghad-dannu ta’ Claudio Sciberras minn Santa Venera proprjetarju ta’ Claudio Motor Services, Santa Venera; 628 euro f’apparat tal-HI FI ghad-dannu ta’ Mario Cutajar minn Had-Attard proprjetarju ta’ Ultimate, Triq Bisazza, Sliema; 838 euro f’HI FI ghad-dannu ta’ George Muscat minn Hal-Qormi proprjetarju ta’ KSL sitwat fi Triq l-Imdina Hal-Qormi; u 2000euro ghad-dannu tal-HSBC;

6. fl-istess perjodu bi hsara ta’ haddiehor ghamel qligh iehor ghad-dannu tal-imsemmija Claudio Sciberras minn Santa Venera, Mario Cutajar minn H’Attard, George Muscat minn Hal-Qormi u lill-bank HSBC;

7. fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer xjentement xtara jew laqa' ghandu hwejjeg, misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
8. rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra John Mizzi wahdu:
9. kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 6 Kap 446 moghti lilu mill-Magistrat E.Grima nhar it-30 ta' Lulju 2008

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u l-artikoli tal-ligi relattivaement iz-zewg imputati bghat l-atti lil din il-Qorti sabiex tiggudika dwar il-kolpevolezza taghhom jew nuqqas taghha;
Semghet lill-imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kawza tigi deciza minn din il-Qorti;
Semghet ix-xhieda;
Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-Avukat Generali permezz tan-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, mahruga minnu, qieghed jakkuza liz-zewg imputati b'akkuzi komuni ghat-tnejn rigwardanti r-reat komunement maghruf bhala truffa, fil-kaz de quo aggravat, bir-reat ta' ricettazzjoni u dak b'ksur ta' xi kondizzjoni marbuta mal-ghoti tal-helsien mill-arrest taghhom – liema reati huma kontemplati bhala reati kontinwati ghad-eccezzjoni tal-ahhar. Fil-konfront tal-imputat John Mizzi hemm l-addebitu addizjonali tal-ksur tal-provediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446.
Il-partijiet allegatament defrawdati miz-zewg imputati flimkien ilkoll xehdu ghad-eccezzjoni ta' certu Antoinio Baldacchino (xhieda taghhom tinstab folio 46, 80, 22, 62). Sintomatiku mix-xhieda taghhom hu l-artificju u r-raggir adoperat mill-imputati, fost liema, jipprevali l-pagament permezz ta' cekk li l-imputati kienu ben konxji li ma kienx kopert b'fondi fil-kont bankarju, senjatament f'dak tal-imputat Herman Mizzi. Fil-kuntest ta' dan l-imputat il-Qorti hi bil-wisq konvinta li kien hu l-arteficji tal-imbrolji u mhux

biss minhabba li c-cekkijiet inhargu kollha mill-kont bankarju tieghu. Di fatti fl-istqarrija minnu debitament rilaxxjata skond il-ligi lill-Pulizija dan l-imputat isemmi persuni ohra oltre dawk imsemmija fit-tahrika u b'referenza ghal gja imsemmi Baldacchino ta' Caterers Supermarket ta' Rahal Gdid (li in vece tieghu xehed Raymond Cassar) jghid li kien xahrejn ilu (allura fil-perjodu li ghalih tirreferi t-tahrika) li hu u huh, l-imputat l-iehor, marru ghandu u ghamlu xirja li thalset b'zewg cekks minn tieghu li kien jaf li ma kienux ser jigu onorati. Tali huma dovuti sal-gurnata tal-lum. F'dan ir-rigward Jirrisulta wkoll vis-a-vis dan l-imputat Herman Mizzi li apparti t-truffa bl-adezjoni ta' huh, l-ko-akkuzat, wettaq truffa per kont tieghu kif jirriferu x-xhieda a folio 18 (20), 69, 52 (58), 100 (110).

Intant, t-truffa mwettqa miz-zewg imputati flimkien, ghal tal-inqas f'dik li l-prova taghha hija ineccepibbli, tammonta b'kollox ghal 1921 euro fil-waqt li l-ammont sakemm jikkoncerna l-imputat Herman Mizzi wahdu u sakemm jirrisulta mix-xhieda jammonta ghal 3085 euro.

L-imputati huma wkoll akkuzati bir-reat ta' ricettazzjoni . Ai termini tal-artikoli mahruga mill-Avukat Generali hu citat l-Artikolu 334(a). Fil-kuntest ta' din l-imputazzjoni frankament il-Qorti ma tarax kif tista' tissusisti stante li l-provi in atti jirriferu esklusivament ghal fatt ta' hwejjeg ottenuti mill-imputati bi frodi mwettqa minnhom stess ossija mhux qua ricettaturi. F'kull kas l-imputazzjoni hija wahda alternattiva ghal dik tat-truffa.

Relattivament l-imputazzjoni, komuni ghaz-zewg imputati, rigward il-ksur ta' xi kondizzjoni marbuta mal-helsien mill-arrest, m'hemmx il-prova taghha. Din il-prova kellha tkun id-digiet ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-18 ta' Mejju 2010 li izda ma giex prodott. Altrimenti u ai termini tal-artikoli tal-ligi tal-Avukat Generali tirrisulta l-imputazzjoni fil-konfront tal-imputat John Mizzi tal-ksur tal-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446. Dwar dan il-prova hi s-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta tat-30 ta' Lulju 2008 (folio 125). F'dik is-sentenza l-Qorti ammonit li kienet ser tkun l-ahhar opportunita' ghal dan l-imputat sabiex jirriforma ruhhu.

Konsegwentement piena ta' prigunerija fil-konfront taz-zewg imputati hija f'lokha b'daqstant pero' li billi ma hemm

l-ebda impediment li izzomma ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju hi l-fehma taghha li jibqaw sospizi sat-terminu massimu konsentit.
Tiddikjara u ssib l-imputati hatja fuq l-iskorta ta' dak li ntqal fuq u l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju kif ser tghid:
a) kontra Herman Mizzi ta' frodi b'ghemil qarrieqi aggravat ai termini tal-Artikolu 308, 310(a) tal-Kap 9. Fuq l-iskorta ta' l-istess tikkundannah hmistax il-xahar prigunerija;
b) kontra John Mizzi ta' frodi b'ghemil qarrieqi ai termini tal-Artikolu 308 tal-Kap 9 u ta' ksur ta' ordni ta' probation ai termini tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 tikkundannah komplessivament sentejn prigunerija ;

Tordna li l-perjodu rispettiv ta' prigunerija li tieghu l-imputati gew ikkundannati jibqa' sospiz ghal zmien erba snin mill-lum sakemm l-imputati ma jikkommettux reat iehor fiz-zmien operattiv tas-sentenza sospiza bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u sakemm l-imputati mhux oltre zmien sitt xhur mill-lum jihalsu lill-persuni li kontra taghhom ikkommettew l-frodi b'ghemil qarrieqi; fil-konfront ta' Eman Rodo, Antoine Baldacchino, David Mifsud u Michael Azzopardi 'in solidum' bejnithom u fil-konfront ta' Claudio Sciberras, Mario Cutajar, George Muscat u l-Bank HSBC mill-imputat Herman Mizzi.
Il-Qorti spiegat lill-imputati r-responsabiltajiet taghhom skond is-sentenza.

A.M.Trigona
Magistrate

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------